**Minuti tat-354 laqgħa tal-Kunsill illi saret nhar**
**il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, s-Sur Clyde Caruana, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Clyde Caruana u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joe Bonnici, Robert Buhagiar, Joseph Buttigieg, Gordon Pace u s-Sur John J. Pace.

Is-Sur Anthony Farrugia daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri Frans Catania, Malcolm Abdilla u Mark Grech kienu skuzati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-353 laqgħa.

Fis-6.30 ta' filgħaxija is-Sur Anthony Farrugia daħal għal-laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar id-dewmien li qed ikun hemm biex jitkomplew ix-xogħlijiet ta' *resurfacing* fi Triq iċ-Ċulqana u f'toroq oħra fil-viċinanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu qed isiru diskussjonijiet mal-kumpanija GO biex ix-xogħlijiet jitkomplew fl-iqsar zmien.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat Memo 33/2009 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-regolamenti tal-2009 dwar Ġemellaġġi. Fost affarijiet oħra l-Kunsilli Lokali issa huma l-obbligati li matul sena finanzjarja waħda ma jonfqux aktar minn €3,500 jew

0.5% tal-allokazzjoni finanzjarja għal dik is-sena skond liema minn dawn tkun l-għola.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-addenda ta' Studju dwar l-Impatt Ambjentali biex tkun riabilitata u mibdula f'*park* għall-familja miżbla eżistenti mhix użata maġenb l-Impjant tar-Riċiklagg f'Wied il-Għajn.

Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta mis-Sinjura Conċetta Micallef dwar il-kostruzzjoni ta' triq minn Bieb is-Sultan u Triq Santa Rokku.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*European Union Programme Youth Agency* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni biex isir il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ f'Malta ġiet approvata. Il-Kunsill ser jingħata €31,610 għal dan il-kamp. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-preżentazzjoni tal-ittra ta' approvazzjoni kienet ser isir nhar is-Sibt, 30 ta' Mejju, 2009 fit-8.30 ta' filgħodu fil-Lukanda Le Meridien. Is-Sur Joe Bonnici u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lill-Kunsill li kienu ser jattendu għal din il-preżentazzjoni.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn d-9 ta' Mejju, 2009 u 29 ta' Mejju, 2009 li kien jammonta għal €92,603.53. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2009 li kien jammonta għal €97.08. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Aġġudikazzjoni ta' l-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani – ZLC 2/2009

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi sitt offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani f'Ħaż-Żabbar – ZLC 2/2009. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Prezz** |
|---|---|
| Cleansing Services Dept | €99,766 |
| David Grech | €82,000 |
| Philip Seguna | €67,085 |
| Saviour Mifsud | €86,500 |
| Ronald u Chris Bezzina | €55,600 |
| Wilson Mifsud | €78,800 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti kienu kollha sottomessi u ffirmati mill-offerenti.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-aktar offerta vantaġġjuza dik mingħand Ronald u Chris Bezzina.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għall-preżentazzjoni li saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju, 2009 mill-MEPA fil-preżenza tal-Onorevoli Chris Said fejn il-Kunsill ingħata €61,226.84 mill-*Urban Improvement Fund* għall-bankini ġodda li ser isiru fit-Triq iċ-Ċulqana, Triq Nikol Biancardi, Triq G. Agius Muscat u Triq it-Tut.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Buttigieg talab li fl-iqsar żmien possibli tiġi rranġata r-rampa li hemm f'Misraħ San Gakbu, kif ukoll li titneħħa *sleeping policeman* li hemm f'Misraħ San Gakbu ma' Triq Santa Marija.

Huwa semma wkoll l-bżonn li jiġu rranġati *culverts* li hemm fi Pjazza San Gakbu.

Is-Sur Buttigieg ressaq proposta li saritlu minn resident biex issir statwa tal-Madonna fil-*playing field* ta' Triq il-Kunvent.

Huwa semma wkoll il-ħtieġa li jsiru *parking bays* quddiem il-*ground* ta' *St Patrick's* fi Triq Bormla.

Is-Sur Buhagiar qal li kien qed izomm l-ilma tax-xita f'parti minn Triq Santa Duminka.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li għall-kors E-Tfal kien għad fadal biss 25 post biex jimtlew il-klassijiet.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li ssir bozza ġdida fi Triq Salvu Astarita, kif ukoll l-bżonn li tinbidel bozza li hemm fi Triq tal-Plier kantuniera ma' Triq G.M Caruana.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.35 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-355 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju 2009.

Clyde Caruana
Sindku